



30.11.2011

0050/2011

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea

**Slavi Binev, John Attard-Montalto, Nirj Deva, Mario Mauro,  
Hannu Takkula**

Data ta' skadenza: 15.3.2012

0050/2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 6 tiegħu, jistipula li l-isport huwa fost l-oqsma li 'fihom l-Unjoni għandu jkollha kompetenzi li tiegħu azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri';
- B. billi ċ-ċess huwa loġġba aċċessibbli għat-tfal minn kull grupp soċjali u jista' jgħin għall-koeżjoni soċjali u jikkontribwixxi għall-ilħiq ta' objettivi tal-politika bħalma huma l-integrazzjoni soċjali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, it-tnaqqis tar-rati tal-kriminalità u anke l-ġlieda kontra diversi dipendenzi;
- C. billi irrispettivament mill-età tat-tfal, iċ-ċess jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni, il-paċenzja u l-persistenza tagħhom u jista' jiżviluppa s-sens ta' kreattività, l-intuwizzjoni, il-memorja, u l-ħiliet tal-analiżi u t-teħid ta' deċiżjonijiet; billi ċ-ċess jgħallem ukoll id-determinazzjoni, il-motivazzjoni u l-ispirtu sportiv;
1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Istati Membri;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni, fil-kommunikazzjoni tagħha li ġejja, biex tagħti l-attenzjoni neċessarja lill-programm 'Ċess fl-Iskola' u biex tiżgura finanzjament suffiċjenti għal dan il-programm mill-2012 'il quddiem;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis ir-riżultati ta' kwalunkwe studju dwar l-effetti ta' dan il-programm fuq l-iżvilupp tat-tfal;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.